**Motivi u argumenti prinċipali**

*Applikanti għat-trade mark Komunitarja:* ir-rikorrenti

*Trade mark Komunitarja kkonċernata:* it-trade mark figurattiva li tinkludi l-element vebali "ancotel", għal servizzi fil-klassijiet 35 u 38 — Applikazzjoni għal reġistrazzjoni tat-trade mark Komunitarja Nru 3 314 424

*Proprjetarju tat-trade mark jew tas-sinjal invokat insostenn tal-oppożizzjoni:* Acotel SpA

*Trade mark jew sinjal invokat:* it-trade marks figurattivi nazzjonali u Komunitarji li jinkludu l-element verbali "ACOTEL", għal prodotti u servizzi fil-klassijiet 9 u 38

*Deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-Oppożizzjoni:* oppożizzjoni milqugħa parzjalment

*Deċiżjoni tal-Bord tal-Appell:* appell miċħud

*Motivi invokati:* ksur tal-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament Nru 207/2009

---

## Rikors ippreżentat fit-8 ta' Ottubru 2012 — Koscher + Würtz vs UASI — Kirchner & Wilhelm (KW SURGICAL INSTRUMENTS)

**(Kawża T-445/12)**

(2012/C 379/45)

*Lingwa tar-rikors: il-Ġermaniż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Koscher + Würtz GmbH (Spaichingen, il-Ġermanja) (rappreżentanti: P. Mes, C. Graf von der Groeben, G. Rother, J. Bühling, A. Verhauwen, J. Künzel, D. Jestaedt, M. Bergermann, J. Vogtmeier u A. Kramer, avukati)

*Konvenut:* L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni)

*Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell:* Kirchner & Wilhelm GmbH + Co (Asperg, il-Ġermanja)

**Talbiet tar-rikorrenti**

— tannulla d-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni), tas-6 ta' Awwissu 2012, fil-Każ R 1675/2011-4;

— tikkundanna lill-konvenut għall-ispejjeż, inklużi l-ispejjeż sostnuti fl-appell

**Motivi u argumenti prinċipali**

*Applikant għat-trade mark Komunitarja:* ir-rikorrenti

*Trade mark Komunitarja kkonċernata:* reġistrazzjoni internazzjonali bi protezzjoni għall-Unjoni Ewropea għat-trade mark figurattiva, li tinkludi l-element verbali "KW SURGICAL INSTRUMENTS", għal prodotti fil-klassi 10 — Reġistrazzjoni internazzjonali bi protezzjoni għall-Unjoni Ewropea Nru W 968 722

*Proprjetarju tat-trade mark jew tas-sinjal invokat insostenn tal-oppożizzjoni:* Kirchner & Wilhelm GmbH + Co

*Trade mark jew sinjal invokat:* it-trade mark verbali nazzjonali "Ka We" għal prodotti fil-klassi 10

*Deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-Oppożizzjoni:* oppożizzjoni miċħuda

*Deċiżjoni tal-Bord tal-Appell:* appell milqugħ u protezzjoni għar-reġistrazzjoni ta' trade mark miċħuda

*Motivi invokati:* ksur tal-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament Nru 207/2009

---

## Rikors ippreżentat fl-10 ta' Ottubru 2012 — Visa Europe vs Il-Kummissjoni

**(Kawża T-447/12)**

(2012/C 379/46)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Visa Europe Ltd (Londra, ir-Renju Unit) (rappreżentanti: A. Renshaw u J. Aitken, Solicitors)

*Konvenuta:* Il-Kummissjoni Ewropea

**Talbiet tar-rikorrenti**

— tannulla d-deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-31 ta' Lulju 2012 fil-Każ COMP/D1/39.398 — *Visa MIF*, sa fejn tiċħad it-talba ta' Visa Europe li tbiddel il-limitu ta' tariffi multilaterali tal-interkambju ta' debitu (IMF) li sar legalment vinkolanti bid-deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-8 ta' Diċembru 2010; u

— tikkundanna lill-konvenuta għall-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri.

**Motivi u argumenti prinċipali**

Insostenn tar-rikors tagħha, ir-rikorrenti tinvoka tliet motivi.

(1) L-ewwel motiv ibbażat fuq

— ksur mill-Kummissjoni tal-Artikolu 41 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, id-drittijiet tad-difiża ta' Visa Europe u tal-prinċipju ta' amministrazzjoni tajba billi ma pprovdietx lil Visa Europe bl-opportunità li tagħti l-opinjoni tagħha b'mod effettiv dwar il-fatti rilevanti u fuq l-oġġezzjonijiet tal-Kummissjoni fir-rigward tal-allegati nuqqasijiet fl-istudju ekonomiku ppreżentat minn Visa Europe qabel ma ċaħdet b'mod definittiv it-talba ta' Visa Europe li tibddel il-limitu MIF.

(2) It-tieni motiv ibbażat fuq

— ksur mill-Kummissjoni tal-Artikolu 9(2)(a) tar-Regolament Nru 1/2003 [1], il-prinċipju ta' amministrazzjoni tajba u l-Artikolu 296 TFEU billi ma pparagunatx l-istudju ekonomiku ppreżentat minn Visa Europe mal-istudji li ntużaw preċedentement sabiex jiġi kkalkolat il-limitu MIF u billi bbażat fuq kunsiderazzjonijiet irrilevanti meta ċaħdet it-talba ta' Visa Europe biex tbiddel il-limitu MIF.

(3) It-tielet motiv ibbażat fuq

— żball manifest ta' evalwazzjoni mwettaq mill-Kummissjoni. Hija ċaħdet provi prodotti minn Visa Europe abbażi ta' kunsiderazzjonijiet difettużi, kif ukoll abbażi ta' oġġezzjonijiet inkonsistenti mal-preċedenti tal-Kummissjoni. Minbarra dan, il-Kummissjoni naqset milli tevalwa li l-oġġezzjonijiet tagħha, anki jekk kienu korretti, kienu madankollu jonqsu milli jiġġustifikaw ir-rifjut li tbiddel il-limitu MIF.

---

[1] Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1/2003, tas-16 ta' Diċembru 2002, fuq l-implimentazzjoni tar-regoli tal-kompetizzjoni mniżżlin fl-Artikoli (101) u (102) tat-Trattat (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 8, Vol. 2, p. 205).

---

## Rikors ippreżentat fl-10 ta' Ottubru 2012 — Davril vs Il-Kunsill u Il-Kummissjoni

## (Kawża T-448/12)

(2012/C 379/47)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż*

**Partijiet**

*Rikorrent:* Philippe Davril (Épargnes, Franza) (rappreżentant: C.-É. Gudin, avukat)

*Konvenuti:* Il-Kummissjoni Ewropea u Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea

**Talbiet**

— tikkumpensa d-dannu kollu subit permezz ta' sanzjonijiet pekunjarji, jiġifieri s-somma ta' EUR 174 900;

— tikkumpensa d-dannu morali kollu subit, jiġifieri s-somma ta' EUR 100 000;

— tikkundanna lill-Kunsill u lill-Kummissjoni għall-ispejjeż u l-ħlasijiet kollha:

**Motivi u argumenti prinċipali**

Insostenn tar-rikors tiegħu, ir-rikorrent jinvoka motivi li huma essenzjalment identiċi jew simili għal dawk invokati fil-kuntest tal-Kawżi T-195/11, Cahier *et* vs Il-Kunsill u Il-Kummissjoni [1], u T-458/11, Rich vs Il-Kunsill u Il-Kummissjoni [2].

---

[1] ĠU 2011, C 173, p. 14.
[2] ĠU 2011, C 298, p. 28.

---

## Rikors ippreżentat fis-17 ta' Ottubru 2012 — British Telecommunications vs Il-Kummissjoni

## (Kawża T-456/12)

(2012/C 379/48)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* British Telecommunications plc (Londra, ir-Renju Unit) (rappreżentanti: J. Rivas Andrés u G. van de Walle de Ghelcke, avukati)

*Konvenuta:* Il-Kummissjoni Ewropea

**Talbiet tar-rikorrenti**

— tannulla d-deċiżjoni tal-Kummissjoni, tat-12 ta' Ġunju 2012, fil-każ tal-għajnuna mill-Istat SA.33540 (2012/N) — Renju Unit — City of Birmingham — Digital District NGA Network, u

— tikkundanna lill-konvenuta għall-ispejjeż ta' din il-kawża.

**Motivi u argumenti prinċipali**

Insostenn tar-rikors tagħha, ir-rikorrenti tinvoka seba' motivi.